**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**
**AVVIŻI 19 TA' MEJJU 2019**

**Jum il-Karità**

Fl-okkażjoni ta' ***Jum il-Karita fid-Djoċesi tagħna*,** illum issir il-ġabra fil-knejjes kollha ta' Malta għad-djar li tmexxi l-Knisja f'pajjiżna fosthom djar għat-tfal, għall-anzjani, għal dawk bi bżonnijiet speċjali, għar-rijabilitazzjoni mid-drogi u oħrajn. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.

**Magħmudija Komunitarja**

Għada l-Ħadd 19 ta' Mejju 2019 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

**Festa ta' Santa Rita ta' Cascia**

L-Erbgħa 22 ta' Mejju 2019 fil-quddiesa tas-6:30pm niċċelebraw il-festa ta' Santa Rita ta' Cascia.

**Pellegrinaġġ Marjan lejn il-Kappella tal-Madonna tad-Dawl il-Bidni**

Il-Ġimgħa 24 ta' Mejju 2019 ser norganizzaw Pellegrinaġġ Marjan mill-Knisja Parrokkjali sal-Kappella tal-Madonna tad-Dawl, il-Bidni. Fis-7:00pm nibdew il-pellegrinaġġ bit-talba tar-Rużarju. Meta naslu fejn it-tabella tal-Bidni għal dawk li ma jixtiqux jitilgħu t-telgħa se jkun hemm trasport li jtellagħhom sal-kappella. Fit-8:00pm niċċelebraw il-quddiesa u wara biċċa timpana għal kulħadd. Inħeġġiġkom sabiex nattendu.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**

It-Tnejn 27 ta' Mejju 2019 wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.